MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2012

Appell Civili Numru. 411/2011/1

**Talba Numru: 411/2011/GB fl-ismijiet: -**

**Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Michael Pule', u l-istess Michael Pule'**

**vs**

**Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Gzira u b'Digriet tat-13 t'Ottubru 2011 l-okkju konvenut jigi korrett ghal kull fejn jirrikorri referenza ghalih, b'dak tas-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Gzira**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fit-8 ta' Marzu 2012 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

***"It-Tribunal,***

*Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi ddikjaraw illi nhar it-2 ta' Lulju 2010 sehh incident gewwa Pjazza Gerry Zammit, Gzira ghall-habta tat-7.43 a.m. illi bhala konsegwenza tieghu l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni PUL 387 proprjeta' ta' l-attur Michael Pule' soffriet hsarat. Dan l-incident sehh bhala konsegwenza ta' nuqqas ta' senjaletika u/jew senjaletika mhux adegwata gewwa Pjazza Gerry Zammit, Gzira, liema senjaletika kienet a karigu tal-Kunsill konvenut;*

*Illi b'hekk isegwi illi l-incident de quo sehh unikament bhala rizultat ta' l-agir negligenti da parti tal-Kunsill konvenut;*

*Illi ghalhekk il-konvenut ghandu jigi kkundannat sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' elfejn erba' mija u tnax-il ewro u hames centezmi (€2,412.05), rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' mija u hamsa u sebghin ewro (€175.00) l-excess payment illi l-attur Michael Pule' hallas in konnessjoni ma' dan l-incident, u in kwantu ghas-somma ta' elfejn mitejn u sebgha u tletin ewro u hames centezmi (€2,237.05), id-danni kollha sofferti bhala rizultat ta' dan l-incident illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive.*

*Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 11 ta' Jannar 2011 u dawk tal-ittra ufficjali illi qieghda tintbaghat lill-Avukat Generali u lis-Segretarju Parlamentari ghad-Djalogu Pubbliku u Informazzjoni kontestwalment ma' dana l-Att, u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali tal-11 ta' Jannar 2011 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-Kunsill konvenut illi jibqa' ingunt ghas-subizzjoni.*

*B'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi in konnessjoni mad-danni sofferti minn terzi fl-istess incident, f'kaz ta' kwalunkwe azzjoni kontra l-istess atturi.*

*Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa illi fl-ewwel lok, l-azzjoni attrici hija nulla stante illi l-kawza kellha tigi ntavolata kontra s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Gzira bhala l-persuni illi, ai termini tal-Artikolu 27 tal-Kap 363 tal-Ligijiet ta' Malta, huma r-rapprezentanti legali u giuridici tal-Kunsill intimat.*

*Illi fit-tieni lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi jehtiegu jipprovaw illi ottemperaw ruhhom mad-dispost tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi fit-tielet lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddecidi l-vertenza odjerna. Dan stante illi ai termini tal-Artikolu 15 (11) tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta kull tilwima illi torigina minn kollizzjoni bejn vetturi u l-valur taghha ma jkunx jeccedi l-hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin ewro u seba' u tmenin centezmu (€11,646.87) hija soggetta ghal arbitragg mandatorju.*

*Illi fir-raba' lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt; l-incident odjern la sehh per konsegwenza ta' xi nuqqas attribwibbli lill-Kunsill intimat u lanqas bhala rizultat tal-agir negligenti tal-istess.*

*Illi fil-hames lok, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi jehtiegu jgibu prova mhux biss tad-danni u spejjez minnhom nkorsi izda wkoll, kwantu ghall-attrici Fogg Insurance Agencies Limited, tar-rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u tas-surroga fid-drittijiet ta' Michael Pule'.*

*Bl-ispejjez kontra l-atturi.*

*Semgha t-trattazzjoni.*

*Ikkunsidra,*

*Illi din is-sentenza tittratta dwar l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kunsill konvenut dwar in-nuqqas ta' kompetenza ratione materie ta' dan it-Tribunal sabiex jaqta' u jiddecidi din il-kawza.*

*Illi l-kontestazzjoni tal-Kunsill konvenut hija fis-sens illi, gialadarba din l-azzjoni hija talba ghall-hlas ta' danni naxxenti minn kollizjoni awtomobilistika, illi allura din l-azzjoni necessarjament kellha tigi ntavolata fi hdan ic-Centru Malti tal-Arbitragg, u dan b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 15 (11) tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Illi f'dan ir-rigward, il-Kunsill konvenut ghamel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet* **Middlesea Insurance p.l.c. et vs Gevimida Limited***, deciza fit-23 ta' Ottubru 2009.*

*Illi da parti taghhom l-atturi qed isostnu illi din l-azzjoni ma tinkwadrax ruhha f'dak kontemplat fir-Raba' Skeda tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex l-azzjoni qed tigi proposta fil-konfront ta' parti li ma kienx involut fl-incident stradali relattiv, li madanakollu kien il-causa prossima li wassal sabiex sehh l-incident in kwistjoni; illi l-atturi jsostnu illi l-incident in kwistjoni sehh konsegwenza ta' negligenza da parti tal-Kunsill konvenut u dan in kwantu kien hemm "...nuqqas ta' senjaletika u/jew senjaletika mhux adegwata..." fit-triq fejn sehh l-incident mertu ta' din il-kawza, u li kien ghalhekk li sehhet din il-kollizjoni. Illi ghalhekk l-istess atturi mhux qed jitolbu lil dan it-Tribunal sabiex jiddecidi dwar min mill-partijiet effettivament involuti fl-incident stradali huwa responsabbli ghall-istess incident, izda dwar jekk kienx hemm negligenza da parti tal-Kunsill konvenut, liema negligenza wasslet sabiex sehh l-incident in kwistjoni.*

*Ikkunsidra,*

*Illi fid-dawl tal-eccezzjoni sollevata mill-Kunsill konvenut u minghajr ma jidhol fil-mertu ta' x'seta' ikkawza l-incident stradali in kwistjoni (u cioe' jekk kienx sewqan negligenti*

*da parti tal-attur, jew in-nuqqas ta' senjaletika u / jew senjaletika mhux adegwata tal-Kunsill konvenut, kif qed jigi allegat mill-attur), jehtieg illi dan it-Tribunal jistabilxxi preliminarjament jekk azzjoni bhal din proposta mill-atturi tinkwadrax ruhha fil-parametri tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta, u li ghalhekk ma taqax fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal sabiex jaqta' u jiddecidi dwarha, u li se mai kellha ssir permezz ta' arbitragg mandatorju. Illi t-talba tal-atturi hija dwar kundanna ghal hlas ghaliex l-istess atturi sofrew danni, liema danni l-atturi qed jallegaw li sofrewhom konsegwenza ta' negligenza attribwibbli lill-Kunsill konvenut. Illi skont it-tezi tal-atturi, l-incident stradali in kwistjoni sehh unikament konsegwenza ta' din innegligenza, u ghalhekk dan it-Tribunal mhux ser ikollu jiddecidi dwar min mill-partijiet involuti fl-incident stradali per se kkawza u jahti ghal dak l-incident, izda jekk kienx hemm fatturi u elementi attribwibbli lil terza persuna / entita' – f'dan il-kaz il-Kunsill konvenut – li wasslu sabiex sehh dan l-incident.*

*Illi fir-Raba' Skeda tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta hemm stipulat illi: "Kull tilwima civili jew kummercjali, li ma tkunx wahda li jkollha x'taqsam ma' talba ghal danni ghal hsara fil-persuna, li tkun tilwima li torigina minn:*

*(a) kollizjoni bejn vetturi, jew*

*(b) hsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi l-vetturi…" ghandha tigi sottomessa ghall-Arbitragg.*

*Illi huwa oramai pacifiku illi d-decizjoni li ghaliha saret referenza mill-Kunsill konvenut, hija l-punt ta' referenza meta jehtieg illi tigi determinata u deciza eccezzjoni preliminari bhal dik li qed tigi ttrattata fil-kawza odjerna. Illi l-insenjament tal-Qorti tal-Appell huwa kif gej: "Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-ligi kif inhi, rettament interpretata, ma ssostnix il-pretensjoni ta' l-appellanti. Ictu oculi, mill-istess intestazzjoni tas-subparafra 1.2, il-kontroversja li llegislatur*
*jirrizerva b'mod mandatorju lill-Arbitragg huma dawk li ghandhom rapport kawzali ma' incidenti ta' traffiku li*

*jikkagunaw dannu materjali fl-istess vetturi jew fil-proprjeta'
ta' terzi b'effett tat-tamponament f'dik l-istess proprjeta' minn vettura jew vetturi ko-involti f'dak l-istess incident stradali." Illi aktar qabel fl-istess sentenza, gie dikjarat ukoll "... hu sew maghruf illi ghal fini tad-determinazzjoni tal-kompetenza minhabba l-materja rigward ghandu jittiehed ghall-kontenut tat-talba introduttiva mill-parti u tac-cirkustanzi migjuba abbazi taghha, indipendentement mill-fondatezza, o meno, taghha. ... Fondamentalment, l-investigazzjoni mit-Tribunal trid twassal biex mill-gharbiel li jaghmel tal-oggett tat-talba, tal-fatti sottostanti, u tad-deduzzjonijiet, jiddetermina jekk prima facie ghandux il-kompetenza proprja li jiddefinixxi l-kwestjoni sottomessa."*

*Illi applikat dan l-insenjament ghall-kaz in ezami, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-eccezzjoni sollevata mill-Kunsill konvenut hija wahda valida u timmerita li tigi akkolta, ghaliex ghalkemm qed jigi allegat illi l-kawzali tad-danni sofferti mill-atturi hija estranea ghall-incident stradali per se, madanakollu d-dannu materjali soffert mill-atturi huwa (i) fil-vettura involuta fl-incident stradali in kwistjoni, u (ii) konsegwenza ta' tamponament li sehh fl-istess incident stradali. Illi gialadarba dawn iz-zewg elementi, anke f'livell ta' prima facie, jirizulta li huma prezenti fil-kaz in ezami, jwassal lil dan it-Tribunal ghall-konvinciment u konkluzzjoni illi din l-azzjoni tinkwadra ruhha fil-parametri kontemplati minn Artikolu 15 (11) tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk kellha tigi proposta azzjoni fi hdan ic-Centru Malti tal-Arbitragg.*

*Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut dwar in-nuqqas ta' kompetenza ratione materie sabiex jaqta' u jiddecidi din il-kawza, u konsegwentement jiddikjara ruhu mhux kompetenti biex jiehu konjizzjoni tat-talba odjerna u jastjeni milli jkompli s-smigh tal-istess.*

*L-ispejjez jkunu a karigu tal-atturi."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-

socjeta` estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u din kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Michael Pule` u l-istess Michael Pule` datat 24 ta' Frar 2012 fejn talbu lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnhom imressqa tilqa' l-appell taghhom u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellat.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta' Mejju 2012.

Rat ir-risposta tal-appell tal-Kunsill Lokali Gzira datata 13 ta' Marzu 2012 a fol 9 tal-process fejn sostna ghar-ragunijiet hemm indikati li d-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta' Mejju 2012 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Edward Woods ghal Kunsill Lokali Gzira appellata li rrimetta ruhu ghall-atti, u nforma l-Qorti li Dr. Ramona Frendo kienet se tirrimetti ruhha wkoll ghall-atti. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-16 ta' Ottubru 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet fl-ismijiet premessi datata 8 ta' Frar 2012.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li l-kaz odjern fejn qed jigi allegat li l-Kunsill intimat ikkawza hsara negligentement fil-vettura proprjeta' tal-assigurat tas-socjeta' appellanti li habtet ma' karozza ohra allegament minhabba nuqqas ta' senjaletika adegwata min-naha tal-Kunsill, u allura l-appellanti qed jitolbu li l-Kunsill konvenut/appellat ghandu

jigi kkundannat ihallas lill-appellanti s-somma ta’ elfejn erba’ mija u tnax-il ewro u hames centezmi (€2,412.05), rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta’ mija u hamsa u sebghin ewro (€175.00) l-*excess payment* illi l-attur Michael Pule’ hallas in konnessjoni ma’ dan l-incident, u in kwantu ghas-somma ta’ elfejn mitejn u sebgha u tletin ewro u hames centezmi (€2,237.05), id-danni kollha sofferti bhala rizultat ta’ dan l-incident illi ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta’ attrici Fogg Insurance Agencies Limited abbazi tal-polza ta’ assigurazzjoni tat-tip *comprehensive*.

Illi fl-appell odjern l-appellanti qed isostnu li la darba l-allegazzjoni attrici hija li d-danni gew ikkawzati minhabba tali nuqqas tal-Kunsill, mela allura la darba dan mhux dovut ghal tamponament tal-vettura u allura responsabbilta’ ta’ sewwieq ta’ tali vettura isegwi li tali talba ma tinkwadrax ruhha fir-**regolament 1.2 tat-Taqsima A tar-Raba’ Skeda tal-Kap. 387** u allura mhux suggetta ghall-arbitragg mandatarju; fit-tieni lok inghad li bid-decizjoni fl-ismijiet **“H. Vassallo & Sons Limited vs Avukat Generali et”** (Q.K. – 30 ta’ Settembru 2011 gie ddikjarat li l-provedimenti tar-Raba’ Skeda kienu lesivi tad-dritt ghal smiegh xieraq protett taht l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u ghalhekk iddikjarat li l-arbitragg mandatorju li kien jifforma l-mertu tal-proceduri kien null, u allura la darba huwa hekk huwa l-istess Tribunal li huwa kompetenti issa.

Illi mill-atti tal-kawza jirrizulta li l-allegazzjoni hija li fit-2 ta’ Lulju 2010 waqt li Michael Pule’ kien qed isuq il-vettura bin-numru PUL 387 huwa saq fi Pjazza Gerry Zammit Gzira u habat ma vettura ohra u dan gara allegatament ghaliex ma kienx hemm indikat li tali triq kienet *one way* u din kienet responsabbilta’ tal-Kunsill li taghmel tali sinjali, haga li ma ghamilx u allura l-istess Kunsill huwa skont l-appellanti responsabbli tal-istess incident.

Illi t-tielet eccezzjoni sollevata mill-Kunsill konvenut kienet li t-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma’ u jiddeciedi l-vertenza odjerna u dan ghaliex skont l-**artikolu 15 (11) tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta’ Malta** kull tilwima

illi torigina minn kollizzjoni bejn vetturi u l-valur taghha ma jkunx jeccedi l-hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin ewro u seba' u tmenin centezmu (€11,646.87) hija soggetta ghal arbitragg mandatorju.

Illi skont id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 387** li fl-**artikolu 15** jirreferi ghar-**Raba' Skeda** u senjatament ghall-**paragrafu 1.2 (b)** li dwar *"Tilwimiet dwar it-Traffiku ta' Vetturi bil-Mutur"* li jindika bhala suggetti ghall-tali kompetenza *"Kull tilwima civili jew kummercjali li ma tkunx wahda li jkollha x'taqsam ma talba ghal danni ghal hsara fil-persuna, li tkun tilwima li torigina minn:-*

*(a) kollizzjoni bejn vetturi, jew*

*(b) hsara involontarja fil-proprjeta' li tinvolvi vetturi, jew.....*

*(c) omissis, u*

*(d) li l-valur taghha ma jkunx jeccedi l-hdax-il elf u sitt mija u sitta u erbghin euro u tmenin centezmu (11,646.87)".*

Illi din il-Qorti thoss li l-kliem tal-Ligi huwa car fis-sens li fejn hemm hsara fuq proprjeta' li tikkonsisti f'vettura u hija konsegwenza ta' kollizzjoni bejn vetturi jew ta' hsara qed jigi allegat li giet ikkawzata involontarjament mela allura tali mertu huwa suggett ghall-arbitragg mandatarju skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1.2 (b) tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387** u dan *stante* li tali disposizzjonijiet mhux limitati biss ghall-hsara kkawzata fil-vetturi kawza ta' kollizzjoni bejn tnejn jew aktar, li huwa kopert bl-**artikolu 1. 2 (a) tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387,** izda wkoll ghall-hsara fil-proprjeta' li tikkonsisti f'vettura mbasta kkawzata b'mod involontarju u dan kif indikat proprju fl-**artikolu 1.2 (b) tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387.**

Illi kif inghad fid-decizjoni **"Joseph Ciscaldi nomine vs Nicholas Camilleri"** (A.I.C. (RCP) – 19 ta' April 2012) ghal din il-Qorti l-kliem stess tal-Ligi huwa car fih innifsu u ma hemmx bzonn li tirreferi ghal xi att iehor hlief il-ligi

stess u la darba l-kliem stess huwa car, mela allura ghandha tittiehed fis-sinifikat naturali taghha *ut sic* u xejn izjed. Ma hemmx dubju li fl-imsemmi **artikolu 1. 2 (b) tat-Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387** ma hemmx riferenza ghal kollizzjoni bejn zewg vetturi (kif hemm fl-**artikolu 1. 2 (a),** u kull ma jirreferi l-imsemmi artikolu huwa li bizzejjed ikun hemm hsara fi proprjeta' li tikkonsisti f'vettura – l-element ta' kollizzjoni bejn vetturi mhux rikjest f'dan is-subartikolu, u ghalhekk hemm distinzjoni bejn l-**artikolu 1.2. (a) u (b)** tal-imsemmija Skeda.

Illi f'dan il-kuntest, dejjem bir-rispett dovut din il-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni raggunta fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **"Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha l-Avukat Dottor Theresa Comodini sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Avukat Dottor Theresa Comodini vs Gevimida Limited"** (A.I.C. (PS) – 23 ta' Ottubru 2009). Din ma hijiex kwistjoni ta' interpretazzjoni *stretta o meno* tal-Ligi, izda hija interpretazzjoni ta' dak li tghid il-ligi b'mod car peress li l-kliem uzat huwa skjett fih innifsu u ghandu t-tifsira naturali tieghu, u allura kemm jinqara u dak li jfisser jigi applikat. Hekk allura fl-imsemmi subartikolu ma hemm ebda rekwizit li sabiex hsara fil-vettura taqa' taht ir-regim ta' arbitragg mandatarju hemm bzonn li jkun hemm kollizzjoni jew involviment ta' zewg vetturi, b'dan li l-hsara kkawzata fil-vettura tkun rizultat ta' impatt ma vettura ohra. Dan qed jinghad ghaliex l-**artikolu 1.2. (b)** tal-imsemmija Skeda mkien ma jsemmi dan u allura dan lanqas biss kellu b'xi mod jigi kkonsidrat jew koncepit. Dan huwa konsistenti ma' dak li gie deciz mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fil-kawza fl-ismijiet **"Thomas Smith Insurance Agency Limited nomine vs Mario Borg et"** (TTZ – (ISB) – 9 ta' Lulju 2008 li b'mod telegrafiku spjega s-sitwazzjoni hekk:-

*"Min-naha l-wahda l-iskeda titkellem fuq kollizzjoni bejn vetturi (1.2.a) u min-naha l-ohra titkellem dwar hsara involontarja ohra li pero' tinvolvi vetturi (1.2. b) – u minkejja din id-distinzjoni, l-iskeda tpoggi, fil-parametri hemmhekk msemmija, l-obbligu tal-gurisdizzjoni fuq l-Arbitragg fi kwalunkwe miz-zewg kazijiet. F'dan il-kaz il-*

*gurisdizzjoni ta' l-Arbitragg hija esklussiva u kwistjonijiet li jaqghu taht kwaliasi mis-sub-incizi msemmija ghandhom jigu determinati mill-Arbitragg".*

*"Il-kwistjoni dwar jekk il-vetturi humiex in motion jew le mhix importanti. L-importanti huwa illi sakemm si tratta ta' hsara fuq vettura u ma tinvolvix hsara fuq il-persuna u taqa' fil-limitu ta' ewro 11,646.87, allura l-gurisdizzjoni tat-tilwima taqa' fil-kompetenza esklussiva ta' l-arbitragg".*

Illi ma hemmx lanqas dubju li l-principju tal-precedent ma huwiex parti mill-Ligi nostrali u dan jirrizulta car mis-sentenzi **"Robert Butler vs Lieutenant Colonel John Philip d'Estoeville Shipwith nomine"** (P.A. (JCC) – 18 ta' Marzu 1964) u **"John Lowell nomine et vs Onor. Carmelo Caruana nomine et"** (P.A. – 14 ta' Awwissu 1972).

Illi fil-kuntest ta' dak hawn premess din il-Qorti thoss li la darba l-pendenza odjerna hija dwar danni naxxenti minn kollizzjoni bejn zewg vetturi mela allura din taqa' taht id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 387** fuq riportati. B'hekk l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Illi dwar it-tieni aggravju l-kwistjoni hija differenti f'kaz li jigi deciz *b'res judicata* minn Qorti ta' kompetenza Kostituzzjonali li hemm disposizzjoni legali li tmur kontra d-drittijiet fundamentali tal-Bniedem u ghalhekk ligi tigi hekk ddikjarata nulla u bla effett u dan ghaliex hawn japplika dak li nghad fis-sentenza **"Paola Vassallo vs Marija Dalli"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Ottubru 2008) u cjoe':-

*"Illi din il-Qorti thoss li la darba tali disposizzjonijiet tal-ligi citati mill-konvenuta gew ddikjarati nulli u bla effett u dan ghaliex jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, u tali sentenza ghaddiet in gudikat, in vista tal-**artikolu 6 tal-Kostituzzjoni** din il-Qorti ma tistax tapplika l-istess u dan peress li tipprevali l-istess Kostituzzjoni, u fejn l-istess ligi hija nkonsistenti ma' dan, dik il-ligi skont l-istess artikolu ghandha tigi kkonsidrata bhala nulla u bla effett u dan independentement mill-fatt jekk l-organu legistlattiv jiehux il-passi sabiex jnehhi l-istess ligi jew jevita tali ksur. Dan*

*qed jinghad anke fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 242 tal-Kap. 12** fuq citat li gie applikat ukoll mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali meta l-kawza citata marret dezerta fis-16 ta' Ottubru 2006, u allura d-decizjoni ghaddiet in gudikat. Fil-verita' dan kollu juru li l-Kostituzzjoni u l-artikoli dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem huma l-ghola ligi fil-pajjiz u artikoli citati huma konferma tal-istess. Din il-Qorti bir-rispett thoss li hija doveruz ghaliha li tapplika l-istess disposizzjoni tal-Kostituzzjoni, u dan kemm sabiex tigi segwieta l-istess Kostituzzjoni u wkoll ghaliex thoss ma jistax ikun hemm sitwazzjoni fejn ligi tigi ddikjarata nulla ghaliex tmur kontra d-drittijiet tal-bniedem u allura ma tkunx applikabbli bejn xi persuna, u min-naha l-ohra jkun hemm decizjoni fejn tapplika l-istess ligi ghal persuni ohra – u dan iktar u iktar fejn il-ligi ghandha tkun l-istess u applikabbli ghal kullhadd u dan in omagg ukoll ghall-Rule of Law. Dan iktar u iktar meta ligi tigi ddikjarata mill-Qorti fil-kompetenza taghha kostituzzjonali bhala nulla u bla effett u allura l-istess ligi ma tistax, minhabba d-disposizzjonijiet stess tal-istess Kostituzzjonali, ma tibqax izjed applikabbli u dan erga omnes. L-argument l-iehor johloq ligi ghal xi persuni u ligi ohra ghall-persuni ohra – haga li mill-punto di vista legali u iktar f'ambitu ta' protezzjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem lanqas ghanda tigi kkunsidrata ghaliex tohloq incertezza u ingustizzja manifesta. Kien fuq dan il-binarju li nghatat is-sentenza wkoll fuq dan il-punt fl-ismijiet **"Maria Azzopardi vs Saver Sciortino"** (P.A. (RCP) – 31 ta' Jannar 2007)".*

Illi dan ma huwiex il-kaz odjern u dan qed jinghad fid-dawl tad-decizjoni fl-ismijiet **"H. Vassallo Ltd & Sons Ltd. vs Avukat Generali et"** (Q.K. – 30 ta' Settembru 2011) li pero' kienet titratta tilwima taht l-**artikolu 1.3 tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387.** Dan l-insenjament allura ma jmissx l-**artikolu 1.2 (a) u (b) u (c) tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387.** Min-naha l-ohra d-decizjoni fl-ismijiet **"Joseph Muscat vs l-Prim Ministru et"** (Q.K. – 6 ta' Settembru 2010) kellha ezitu differenti u rrevokat id-decizjoni tal-Ewwel Qorti. Mela allura f'dan il-kuntest u f'din il-kompetenza din il-Qorti tieqaf hawn. Jinghad f'dan il-kuntest li dan l-aggravju qed jigi michud izda mhux ghar-ragunijiet migjuba mill-appellat, izda ghaliex ma kien

hemm ebda decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali jew Qorti ta' kompetenza Kostituzzjonali, liema decizjoni ghaddiet in gudikat li ddikjarat l-artikoli appositi bhala lezivi tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Kieku kien hemm mela allura la din il-Qorti u lanqas ebda Qorti ohra ma tista' legalment taghti effett lill-istess artikoli tal-ligi hekk dikjarati li kissru d-drittijiet fundamentali, u dan ghaliex skont l-**artikolu 6 tal-Kostituzzjoni** kull ligi jew provediment legali li jinstab mill-Qorti kompetenti li huwa lesiv ta' tali drittijiet fundamentali tal-bniedem u li allura jikser tali drittijiet huwa skont l-istess Kostituzzjoni, li hija l-ghola Ligi tal-pajjiz, huwa kkonsidrat bhala null u nvalidu u allura ma jistax jigi applikat. F'dan il-kaz ma hemmx tali dikjarazzjoni gudizzjarja mill-Qorti kompetenti dwar l-artikoli jew disposizzjonijiet tal-Ligi applikabbli fil-kaz odjern.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-Kunsill appellat datata 13 ta' Marzu 2011, **tichad l-appell interpost mill-appellanti fir-rikors tal-appell taghhom datat 24 ta' Frar 2012 u b'hekk tikkonferma ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi d-decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fl-ismijiet "Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u din kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Michael Pule', u l-istess Michael Pule' vs Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali Gzira" (Avv Nru. 411/11) datata 8 ta' Frar 2012.**

**Bl-ispejjez ta' dan l-appell ghall-appellanti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------